# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **13** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 12 ta' Novembru 2013 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 11 u 12.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kull kwart Lulju – Settembru 2013
6. Aġġudikazzjoni tal-Expression of Interest
   EOI01/2013 – Expresion of Interest for street advertising rights within the locality of Marsaskala.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 11(1) tal-22 ta' Ottubru 2013:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi paġna 8 artiklu 3.4 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fil-proposti tal-Greenpak hemm imniżżel illi l-iskart jinġabar darbtejn fil-ġimgħa u mhux darba bħal tagħna. Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fil-każ tal-Greenpak fil-proposta hemm li l-boroż jitqassmu mil-kuntrattur stess fid-djar."*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi paġna 5 artiklu 3.2 paragrafu 8 għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

*"Is-Sindku beda jistaqsi lil Kunsilliera jekk għandhomx ilmenti fuq il-latrini. Beda biex jistaqsi lill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, fejn hu wieġeb illi hu ma jridtx jikkumenta f'din il-laqgħa minħabba r-raġunijiet li semma fil-korrispondenza interna."*

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi paġna 6 artiklu 3.2 paragrafu 15 għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu ma jaqbilx illi kuntratt jiġi diskuss b'mod dirett mal-kuntrattur waqt laqgħa tal-Kunsill għax dan imur kontra l-prinċipju ta' good governance. "*

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 3 artiklu 2.4 l-ewwel paragrafu għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar insista fuq punt # 3.10 ta' paġna 7 għaliex l-abbużi għadhom isiru minn xi ristoranti fi Pjazza Mifsud Bonnici fejn qed joħorġu mwejjed u siġġijiet saħansitra sa ħdejn l-entratura tal-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici."*

1.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 4 artiklu 2.4 paragrafu 13 għandha tiżdied u tinqara kif ġej:

*"Abbażi ta' dan il-Kunsill qabel unanimament illi jinżebgħu dawn il-linji s-sofor u apparti tal-bandli jinżebgħu ukoll ta' Triq ix-Xatt u ta' quddiem it-Tiffany's liema linji sofor għandhom jinżebgħu kollha f'daqqa."*

1.17 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 3 artiklu 3.15 l-ewwel paragrafu għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

*"Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Kunsill kien irrinunzja għal din il-kawża rigward Triq Sant'Anna u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali qed jibgħatilna kont ta' €670.08 għal-ispejjeż legali ta' din il-kawża."*

1.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 4 artiklu 2.5 l-ewwel paragrafu għandha tiżdied u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 4 punt #3.5 fejn qal illi se jibda dan il-proġett u se jinqabdu 25 qattus u jiġu msewwija. Huwa staqsa jekk għandniex xi risposta fuq is-santwarju tal-qtates."*

***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

1.0 *Qari w approvazzjonital-Minuti :*

1.2 **Laqgħa Nru 12(1) tal-4 ta' Novembru 2013:**

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 11(1) tal-22 ta' Ottubru 2013:**

2.1.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet rigward l-artiklu #3.16 paġna 11, it-tielet paragrafu jekk irċivejniex xi risposta għall-kwestjonarju li bgħatna lid-Dipartiment rigward il-LEAP.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna ma rċivejna xejn.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa rigward artiklu #6.2 mozzjoni 41 jekk hemmx xi risposta mingħand il-ministeri u jekk sarux xi żviluppi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tal-Ministeri għadna ma rċivejniex l-ebda korrispondenza però il-Kunsill Lokali Żabbar ikkomunikaw magħna u jixtiequ li ssir laqgħa magħhom, kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu l-aħjar li niltaqgħu mall-Kunsill umbagħad jiġi determinat x'jista jsir.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż Żabbar.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem rigward paġna 4 artiklu #2.4 u qal illi din il-kwistjoni ġiet proponuta mingħand is-Sindku u l-Kunsilliera ssekondaw fir-rigward tal-marki li kellhom isiru quddiem ir-ristoranti.

Is-Sindku qal illi il-Kunsill kollu ħa deċiżjoni u għandhom dejjem jiġbdu ħabel wieħed sabiex ħadd ma jikser il-liġi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb illi fil-minuti titniżżel illi s-Sindku propona u l-Kunsillier s-sekondaw.

Is-Sindku qal illi kien is-Sur Lawrence Ciantar li ġibed l-attenzjoni rigward l-abbuż tar-ristoranti.

Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu dejjem tkellem rigward ir-ristoranti ta' Pjazza Mifsud Bonniċi u mhux oħrajn.

Is-Sindku wieġeb illi jekk ser ninfurzaw il-liġi din għandha tkun għar-ristoranti kollha ta' Marsaskala u mhux parti waħda biss minnhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega illi hu ried jagħmel din il-korezzjoni għaliex resqu xi sidien ta' ħwienet fuqu fejn akkużawh illi hu qed jinstiga illi għandhom jigu tal-Lands Department , meta min naħa tiegħu hu qatt ma qal dan.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu s-Sur Ciantar qed jiżbalja għaliex meta ħa ġurament ta' Kunsillier refa responsabilita' li dejjem jimxi sew ma kulħadd bl-istess mod. Kompla jgħid illi saru diversi ittri lill-Lands kif ukoll telefonati sabiex jittieħdu passi fuq l-abbużi tar-ristoranti.

Is-Sindku qal illi fil-laqgħa mal-Lands Department, il-Kunsill għandu jindika r-ristoranti kollha, Is-Sindku kompla jgħid illi din id-diskussjoni fetaħa s-Sur Ciantar u kulħadd qabel miegħu. Il-Kunsill talab diversi drabi għal din il-laqgħa pero' għada ma seħħitx.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi min naħa tiegħu mhux ser jerġa jiftaħ din id-diskussjoni* għaliex iħoss li saret pressjoni biżżejjed ma l-Awtoritajiet ikkonernati rigward dan is-suġġett.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri rrefera għal-punt # 2.4 ta' paġna 3 fejn ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill illi saret tinda f'ristorant partikolari fejn qed tagħlaq l-aċċess lill-pedestrians għaliex tasal sat-tarf tal-bankina.

Is-Sindku qal illi anke tkun għaddejja mara bi pram ikollha tinżel minn fuq il-bankina fejn tista tkun ta' periklu fejn dan hu abbuż kbir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk l-imwejjed u siġġijiet illi joħroġ barra dan is-sid humiex imniżżlin fil-permess tiegħu.

Is-Sindku rrisponda illi l-permess li għandu dan il-ħanut ma jkoprix l-imwejjed u siġġijiet kollha u li kien qed jinħariġlu permess mill-Kunsill sabiex fil-weekend ikun kopert bl-imwejjed u siġġijiet kollha li qed joħroġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dak it-tip ta' permess għandu jinħareġ biss fi żmien il-festa.

Is-Sindku qal illi prova jagħmel min kollox sabiex dan ma jibqax jabbuża.

Il-Kunsill qabel illi meta jiġu tal-lands għandhom imorru ukoll f'dan il-ħanut.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem rigward punt #2.3 ta' paġna 3 fejn qal illi din ir-rotta tneħħiet.

Is-Sindku rrisponda illi l-Arriva tkellmu miegħu u min naħa tagħhom qed jipprovaw jirranġaw din is-sitwazzjoni.

Il-Kunsillier Camilleri qal illi m'hemmx x'jirranġaw ħlief tibqa r-rotta kif kienet.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward punt #2.4 pagna 3 x'imiss isir rigward dawn il-linji sofor.

Is-Segretarju wieġeb illi peress illi mhux il-ħwienet kollha kellhom indikazzjoni bil-linja safra hemm bżonn li nistennew lil-Lands department sabiex jerġgħu jiżbħu l-marki ta' dawk il-ħwienet li diġa għandhom u jgħamlu l-marki kollha neċessarji ta' dawk li nħarġilhom il-permess dawn l-aħħar xhur qabel mall-kunsill iqabbad il-kuntrattur tiegħu biex jagħmel il-marki finali.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq punt #3.2 ta' paġna 5 fejn qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qed jaħdmu fuq dan it-tender tal-latrini pubbliċi.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq punt#3.7 ta' paġna 9 jekk it-TCTC humiex ser ituna laptop kif tkellimna fil-laqgħa.

Is-Sindku wieġbu illi ser ikun qed itina desktop computer użat.

❖ ***Saret sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt numru 5 mill-Aġenda***

5.0 ***Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart April – Ġunju 2013:***

5.1 L-accountant tal-Kunsill spjegat ir-rapport ta' kull kwart.

**Il-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart minn Lulju sa Settembru u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.2 **Laqgħa Nru 12(1) tal-4 ta' Novembru 2013:**

2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal rigward l-aħħar paragrafu f'paġna 2 illi l-bicycle ride ma setgħatx issir fis-17 ta' Novembru pero għada ma ġietx stabbilita' d-data ta' meta ser issir minħabba li Kunsilli oħra għandhom impenji oħra. Id-data tiġi mħabbra aktar tard.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Deċiżjoni li trid tittieħed mill-Kunsill fir-rigward ta' ħlas dovut lil qorti rigward rikors 336/2007:**

Is-Sindku beda billi qal illi hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qraw il-minuti ikkonċernati ma' dan is-suġġett u bagħtu kopja lill-Kunsilliera kollha, Is-Sindku qal li minkejja dan kien hemm minuta tas-seduta 49 tat-12 ta' Jannar 2006 mingħand is-Sur Owen Bonnici li tgħid hekk " Il-Kunsillier Owen Bonnici ressaq riżoluzzjoni biex il-Kunsill jiftaħ kawża kostituzzjonali peress li l-persuna inkarigata li tagħti s-sentenza fil-każ tal-appell kontra l-MEPA fir-rigward tal-Impjant tar-riċiklaġġ huwa maħtur mill-istess Ministru Pullicino. Hu talab li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kumitat kontra l-impjant tar-riċiklaġġ kif propost filwaqt li l-Kunsillier Owen Bonniċi offra s-servizz tiegħu gratis f'din il-kwistjoni."

Is-Sindku qal illi r-rikors bilfors kellu jsir minn individwu bil-għajnuna tal-Kunsill peress li kienet kawża kostituzzjonali. Dawn it-tlett individwi kienu dejjem preżenti waqt is-seduti tal-Kumitat u saħansitra fil-kawżi kollha fil-MEPA u l-qrati. Dawn taw is-sehem tagħhom b'mod volontarju u ma jħossx li għandhom ikunu huma li jħallsu l-ispejjeż għaliex bis-saħħa tagħhom setgħet tinfetaħ kawża kostituzzjonali. Hu żied jgħid illi l-Kumitat dak iż-żmien flimkien mall-Kunsill Lokali ta' Marsaskala kien hemm sitt Kunsilli oħra parteċipi f'dan ir-rikors li huma Żejtun, Fgura ,Għaxaq ,Tarxien ,Żabbar u Gudja. Hu kompla jgħid illi wara li ħa parir mingħand l-avukata tal-Kunsill kif ukoll mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali jixtieq jipproponi illi l-Kunsill jħallas l-ispejjes ta' dan ir-rikors li jammontaw għall €1764.48 u wara tintbgħat ittra lill-Kunsilli kkonċernati sabiex iħallsu l-parti tagħhom għaliex ma jħossx li huwa sew illi l-ammont ta' flus li jrid jitħallas ġew imniżżla fuq il-Kunsill u tlett individwi mill-Kumitat kontra l-impjant.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi jidher li l-Kunsilli l-oħra mhumiex imsemmija fil-ħlas ta' dan ir-rikors.

Is-Sindku qal illi l-Kunsilli l-oħra kienu dejjem preżenti fil-laqgħat kif ukoll fir-rikors li kien sar u dak iż-żmien huma kienu ħallsu l-parti tagħhom biex infetħet kemm il-kawża kif ukoll ir-rikors.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kemm il-darba tkellimna fuq dan is-suġġett qatt ma dehrlu li kien hemm xi spejjeż li l-Kunsill kellu jħallas.

Is-Sindku żied jgħid illi l-Kunsill tal-Gudja waqt il-proċess tar-rikors kien infurma lill-Kunsill illi hu mhux ser jibqa jagħmel parti minn dan il-kumitat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi aħna bħala Kunsill qatt ma ġejna nfurmati b'xi spejjes li kellna nħallsu. Hu staqsa jekk dawn il-Kunsilli msemmija humiex ser jaqsmu magħna l-ispejjes.

Is-Sindku qal illi b'hekk irid li tintbgħat ittra lill dawn il-Kunsilli anke dak tal-Gudja għaliex dak iż-żmien li kienu jsiru l-laqgħat mall-Kumitat kontra l-Impjant kulħadd kien ikun preżenti u jekk xi Sindku minnhom ma kienx jista, l-laqgħa ma kinitx issir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu qatt ma kien preżenti pero jidher illi dak iż-żmien kien hemm naqra tgerfix u biex jieħu vot jixtieq illi l-Kunsill jieħu opinjoni legali. Il-Kunsillier Charlot Cassar qal li kwalunkwe rakkomandazzjoni mingħajr parir legali hu mhux ser jieħu vott, b'hekk jagħżel li jivvota kontra.

Is-Sur Cassar qal illi l-ebda diskussjoni ma ġiet preżentata lilu peress illi kollox sar min fuq it-telefon.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-awdituri qatt ma ġibdu l-attenzjoni fuq dan il-każ kif ukoll pagamenti li kellhom x'jaqsmu mal-każ tul is-snin u allura ma kien qed jara xejn ħażin jekk il-Kunsill iħallas.

Is-Sindku qal illi fil-bidu dan il-kumitat kellu l-approvazzjoni tal-Kunsill u kien b'saħħtu ħafna, għamlu xogħol sew u bil-persistenza tagħhom inħolqu żewġ siti oħra sabiex l-iskart jinqasam.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi fl-opinjoni tagħha għandna xorta waħda nieħdu opinjoni mingħand l avukata tagħna bil miktub wara li nħallsu dan l ammont għaliex jekk ma nħallsux immedjatament ser neħlu l-penali.

Is-Sindku wieġeb illi ma jkunx hemm għalfejn pariri legali meta l-Kunsilli ikkonċernati ikunu ħargu l-parti tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk kienx il-Kunsill jew inkella l-Kumitat li kien ħa d-deċiżżjoni li nidħlu għar-rikors.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pagament ta' Lm350 kien tħallas mill-Kunsill ta' Marsaskala pero wara ġie rimborsat mill-Kunsilli l-oħra li għamlu parti min dan il-Kumitat.

Is-Sindku qal illi wara lis-Segretarju Eżekuttiv qara u fiehem l-korrispondenza kollha li kienet teżisti kemm min naħa tal-Kumitat kontra l-impjant kif ukoll minn xi minuti meħudin minn diversi seduti tal-Kunsill, Hu qed jipproponi illi l-kont mibgħut lilna mill-qorti ta' €1764.48 jitħallas kollu min-naħa tal-Kunsill u immedjatament wara tintbgħat ittra lis-sitt Kunsilli l-oħra li kienu nvoluti fil-kumitat u dan peress illi l-istess sitt Kunsilli kienu ħallsu parti mis-somma meta nfetaħ ir-rikors.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Dan il-proponiment għadda għal votazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab illi jiġu mniżżla l-ismijiet ta' kif ivvotaw il-Kunsilliera

Il-votazzjoni kienet 6 favur (Is-Sur Daniel Spiteri, Is-Sur Lawrence Ciantar, Is-Sinjura Elizabeth Cassar, is-Sur Charlot Mifsud, Is-Sinjorina Desiree Attard)

3 kontra (Is-Sur John B Camilleri, Is-Sur Sandro Gatt, Is-Sur Charlot Cassar).

O astenzjonijiet

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jħossx li għandna nħallsu l-ammont aħna weħidna meta kien hemm sitt Kunsilli oħra illi għandhom jaqsmu l-ispejjez magħna.

Is-Sindku spjega illi bilfors ser ikollna nħallsu l-ammont aħna għaliex qiegħdin marbutin biż-żmien inkella jkollna nħallsu il-penali, wara niġu rimborsati mingħand dawn il-Kunsilli.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk hemmx xi flus oħra li rridu nħallsu fil-futur għaliex jekk iva irridu naraw x'ħa jiġri u ninvolvu l-Kunsilli l-oħra magħna minn qabel ħalli ma jerġax ikollna problemi ta' din ix-xorta.

## 3.2 Ikla tal-Milied:

Is-Sindku ppreżenta 3 stimi lill-Kunsill għar-rigward l-ikla tal-Kunsill għall-Milied.

1. Blue elephant - €37.00 kull persuna bla drinks.
2. New China House- Menu 4 €28.50 kull persuna bla drinks Menu 5 €29.50 bla drinks.
3. Fortina Hotel Can Thai Restaurant - €30.00 kull persuna bid-drinks

Il-Kunsill approva li nmorru Fortina Hotel Can Thai restaurant peress li kien l-orħos u d-data se tkun fit-19 ta' Diċembru 2013.

## 3.3 Dwal tal-Milied:

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara diversi emails li baqgħu ma ġewx imwieġba mill-Wasteserv tkellem mac-CEO tal-Wasteserv rigward id-dawl tal-Milied fit-toroq ta' Marsaskala u dan qallu illi għal din is-sena m'għandhomx flus għal dan it-tiżjin. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid illi staqsih jekk jistax jagħti ammont izgħar ta' tiżjien min dak tas-sena l-oħra u c-Ceo qallu illi f'dak il-każ noħorġu l-flus aħna bħala Kunsill imbagħad l-Wasteserv tiddeċiedi jekk tisgħax tagħti kontribuzzjoni min naħa tagħhom aktar il-quddiem. Is-Segretarju spjega illi sakemm tinħareġ kwotazzjoni u tkun aġġudikata jkun għadda wisq żmien sabiex inżejjnu. Is-Segretarju kompla jgħid illi bħal snin oħra l-ELC ser iżejnu ftit dwal fil-lokal tagħna.

Is-Sindku qal illi għal din is-sena ma hemmx wisq x'tagħmel għaliex diġa qegħdin tard, li nistgħu nagħmlu hu li nibagħtu ittra lis-sidien tal-ħwienet fejn ninfurmawhom illi din is-sena mhux ser ikollna tiżjin u min jitħajjar illi jagħmel xi tiżjin ikun jista jagħmel dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu s-sena d-dieħla noħorġu tender minn qabel sabiex ma nerġgħux niġu f'din il-problema.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.4 Rigward PA 722/13 Fejn se jsir appell wara li din l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata mill-MEPA:

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta komunikazzjoni fejn qal illi l-propjetarju appella fuq id-deċiżjoni li kienet ittieħdet rigward dan il-permess. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min hu nteressat illi jattendi għal dawn l-appell jistgħa jaħmel dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu ma jistax jattendi u li aħna bħala Kunsill mhux ser inkunu notifikati aktar rigward smiegħ ta' dan l-appell.

## 3.5 Laqgħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali:

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi d-data tal-laqgħa mall-President tal-assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li kienet ser issir fil-15 ta' Novembru 2013 nbiddlet u ser nkunu nfurmati bid-data l-ġdida iktar 'l quddiem.

3.6 **Korrispondenza mingħand is-sid tat-Training Centre li ma jxitieqx li jġedded il-kerha tal-post u allura l-Kunsill irid joħroġ sejħa oħra minħabba li għandu ċans sa Mejju biex isib post alternattiv (35/6049/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi ser ikollna nsibu post ġdid għat-training centre minħabba li l-post illi nużaw fil-preżent ser jirritorna lura għand is-sid.

Il-Kunsill qabel unanimament illi noħorġu kwotazzjoni.

3.7 **Ħatra ta' bord t'aġġudikazzjoni għat-tenders li għad iridu joħorġu fir-rigward ta' Miżura 313 u Miżura 125:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bżonn jinħatar bord t'aġġudikazzjoni li jkun jikkonsisiti mis-Sindku bħala c-Chairman, is-Segretarju Eżekuttiv u tlieta min-nies oħra fejn is-soltu ikollna l-accountant tal-Kunsill mill-att finanzjarju, l-Perit tal-Kunsill mill-att tekniku u nistaqsu lis-Sur Joe Mercieca mill-att amministrattiv fil-każ li ma jkunx jista s-Sur Mercieca nistaqsu lis-Sur Mark Causon.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 **Korrispondenza mingħand is-Sur Cutajar tas-Summer nights rigward talba ta' Un/Loading bay (35/6071/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċievejna korrispondenza mingħand is-Sur Cutajar fejn talab illi titneħħa l-Keep clear illi tinsab quddiem l-ħanut tiegħu u ssir un/loading bay.

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw mat-Transport Malta għal Un/Loading bay mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00am sa 12:00pm kif ukoll wara nofsinhar.

3.9 **Korrispondenza mingħand is-Sur Redent Briffa tal-Hasta La Vista rigward talba ta' Un/Loading bay (35/5708/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċievejna korrispondenza mingħand is-Sur Briffa fejn talab illi ssir un/loading bay quddiem il-ħanut Hasta La Vista.

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw mat-Transport Malta għal Un/Loading bay mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00am sa 12:00pm.

3.10 **Rapport ta' ħsara fuq vettura:**

Is-Sindku beda billi qal illi rċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Bordieri fejn kellu ħsarat fuq il-bumper tal-karozza fi Triq ix-Xehda minħabba gandott tad-drenaġġ li kien għadu ma ssewiex. Is-Sindku qal illi dan l-ilment ser nirreferuh għand il-W.S.C għaliex dan kien xogħol li kien qed jitwettaq min naħa tagħhom u mhux tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11 **Manutenzjoni ta'manholes mill-W.S.C:**

Is-Sindku beda billi qal illi l-W.S.C kienu qegħdin iduru l-manholes madwar Marsaskala minħabba xi ilmenti u sabu illi dawn il-manwholes kienu mimljin bl-ilma li fil-bidu ħasbu li kien ilma baħar pero wara li saru t-testijiet irriżulta illi kien ilma ġiri imħallat bl-ammonia. Hu qal illi l-isparkle image kien qed jidħollu ħafna drenaġġ fl-istabiliment tiegħu u għaldaqstant sew issir manhole quddiemu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12 **Bus stops:**

Is-Sur Lawrence Ciantar staqsa meta ser jnbidel il-bus stop ta' ħdejn it-Tiffany's.

*Is-Sindku wieġeb illi għandu jsir u ser nibgħatu reminder lit-Transport Malta miegħu qed nistennew* tnejn oħra, dak ta' ħdejn Ċervjola u fejn Villa Sant'Anna quddiem Steve Ironmongery.

3.13 **Kuntratt tal-ELC:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-kuntratt tal-ELC wasal biex jiġġeded il-kuntratt tal-ELC

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġeddu l-kuntratt għal sena oħra.

3.14 **Siġar fi Ġnien San Tumas:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi il-pjanti tat-tamarisk fil-Ġnien San Tumas waslilhom iż-żmien illi ngħaqilawhom u nerġgħu niżrawhom bi spejjeż tagħna peress illi t-tender għadu ma ħariġx allura ikun għadda l-istaġun adekwat biex jinqalgħu dawn il-pjanti.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15 **Tapit fi Ġnien Antone Randich:**

*Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasal biex jinbidel it-tapit fi Ġnien Antoine Randich.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi noħorġu kwotazzjoni.

6.0 **Aġġudikazzjoni tal-Expression of Interest**

**EOI01/2013 – Expresion of Interest for street advertising rights within the locality of Marsaskala:**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Abigail Borg | €1200.00 per annum |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-espressjoni ta' nteress fuq reklamar fuq għamara tat-toroq tingħata lis-Sinjura Abigail Borg għas-somma ta' € 1,200 fis-sena.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward pagamenti numru 809 u 810.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dawk pagament tal-linka tal-printer fejn kienu bgħatulna inka mhux tajjba li ntbgħatet lura u għamlulna credit note.

**Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree' Attard pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 **_Mistoqsijiet:_**

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#044 –23/10/13):**

6.1 *"Jipproponi sabiex titwaħħal lampa ġdida fi Triq il-Qrempuċ".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi titwaħħal din il-bozza.

6.2 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#046 –23/10/13):**

*"Jipproponi sabiex jitwaħħlu 2 lampi ġodda fi Sqaq San Ġwakkin."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi titwaħħal din il-bozza.

6.3 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#047 – 23/10/13):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq tal-Gardiel"*

Il-Kunsill qabel unanimament illi titwaħħal din il-bozza.

6.4 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#048 - 4/11/13):**

*"Jipproponi sabiex tinbarax Triq iż-Żonqor u tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak. Din hija mfarka kollha u qed ikun hemm diversi rapporti fuqha".*

Is-Sindku qal illi hemm bżonn li tinbarax it-Triq minn ħdejn l-Ispigola sa ħdejn id-dar il-ħamra u tingħata it-tarmac.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill m'għandux stima iżda żgur li ser tiġi tiswa madwar €9,000.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm Triq is-Salvja li għandha bżonn patching.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemm bżonn issir tarmac fi Triq La Sengle.

Is-Sindku wieġeb illi din it-triq ma tistax issir għalissa minħabba li għad iridu jagħddu xi trinek min naħa tal-Enemalta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq iż-Żonqor tinbarax u tingħata it-tarmac.

6.5 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Daniel Spiteri (#049 - 4/11/13):**

*"Jipproponi biex għall-okkażjoni ta' għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-banda ta' Marsaskala jittella` programm ta' attivitajiet biex jikkomemoraw dan l-avveniment tant importanti fil-lokalita` tagħna. Matul dan il-programm nipproponi illi jingħata rikonoxximent xieraq".*

Is-Sindku qal illi din is-sena l-banda ta' Marsaskala ser tkun qed itella żewġ kunċerti wieħed fil-festa u l-ieħor fl-Iljieli Skalin.

Is-Sindku qal ukoll illi ser nkunu qed nonfqu is-somma ta' €1165.00 għal kull parteċipazzjoni mill-banda pero' wieħed minnhom ser jiġi rimborsat lilna mill-GAL XLOKK.

Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is- Sur Charlot Cassar (#050 - 4/11/13):**

*"Filwaqt illi tirrikonoxxi l-isforzi li għamel il-Kunsill fix-xhur u s-snin li għaddew sabiex numru ta' plottijiet vojta jiġu mnadfa u mbarrati, din il-mozzjoni tinnota li diversi plottijiet vojta fil-lokalità ta' Marsaskala jinsabu fi stat ta' abbandun, telqa u ħmieġ. Din il-mozzjoni tinnota wkoll il-periklu li jeżisti f'dawn l-istess plottijiet vojta minħabba l-fatt li ma hemm ebda lquh li jirristrinġi l-aċċess għalihom. Għaldaqstant, il-mozzjoni titlob u tħeġġeġ il-Kunsill jieħu l-passi kollha meħtieġa flimkien mal-Awtoritajiet konċernati sabiex dawn il-plottijiet jiġu mnadfa u jingħalaq l-aċċess għalihom. Titlob ukoll illi minħabba l-periklu li jeżisti għas-saħħa pubblika, l-azzjoni għandha tittieħed b'mod immedjat u bla aktar telf ta' żmien".*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hemm bżonn li nieħdu azzjoni għaliex din is-sitwazzjoni ilha wisq u xejn għadu ma sar.

Is-Sindku qal illi min naħa tal-Kunsill intbgħatu ukoll ritratti lill-MEPA pero' għadu ma sar xejn.

6.5 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku- is- Sinjorina Desiree' Attard (#051 - 4/11/13):**

*"Peress li ċertu partijiet ta' Triq il-Qaliet qegħdin ikunu ta' periklu kemm għar-residenti kif ukoll għas-sewwieqa minħabba veloċitajiet żejda u sewqan bla galbu, il-mozzjoni titlob li fin-naħat indikati jsiru jew bollards jew central strip, inkongunzjoni mat-Transport Malta. Dan fl-ispirtu li ntejbu dejjem aktar l-immaniġġjar tat-Traffiku fil-lokalita' tagħna."*

Is-Sindku beda billi spjega l-pjanti illi bgħatilna l-Perit rigward dan is-suġġett.

Il-Kunsilier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu attenda għal laqgħa ġewwa it-TM flimkien mall-Asistent Prinċipal is-Sinjorina Lucille Bonnici fejn tkellem rigward din il-problema ta' veloċita eċċessiva li hemm fi Triq il-Qaliet u min naħa tat-TMalta qalulu illi ħadu nota tagħha.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali għandu jibgħat il-pjanta bil-construction buildouts kif proposti mill-Perit lit-Transport Malta.

6.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is- Sur John B Camilleri (#052 - 5/11/13):**

"Jipproponi sabiex jsir it-tiżjien tal-Milied fit-toroq taċ-ċentru ta' Marsaskala u l-pjazzez".

[Is-Sindku] ~~Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri~~ qal illi bħal ma tkellimna iktar qabel issa mhemmx żmien biżżejjed sabiex noħorġu kwotazzjoni għal dan it-tiżjin u allura għall din is-sena ma nistgħu nagħmlu xejn.

7.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.***

7.1 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Elizabeth Cassar spjegat l-attivitajiet li ser jittellaw sa' l-aħħar ta' din is-sena:

**30 ta' Novembru 2013-** Esebizzjoni tal-Presepji fis- Sala Sant' Anna.

**6 ta' Diċembru 2013-** Lunch għall-anzjani.

**20 ta' Diċembru 2013-** Kuncert vokali fil-knisja

**21 ta' Diċembru 2013-** Dinner Dance

**31 ta' Diċembru 2013-** Dinner Dance

**4 ta' Jannar 2013-** Party għat-tfal mid-9.30 am

Jiġu mistiedna tfal minn 5-12 il-sena bil-prezz ta' €10 ,ser ikun hemm 12-il tifel/tifla minn familji foqra Skalin, kif ukoll għaxart itfal mill-Istitut fejn ser jingħataw refreshments u rigal minn Father Christmas.

***11 ta' Jannar 2013-*** *Ikla għall-Anzjani*

Ħsieb ta' din l-attivita' hu li jiġu mistiedna anzjani minn 75-il fuq li jinstabu weħidhom jew b'dizabilita', minn San Vinċenz, Residenza Vajrita, Residenza Charlan.

7.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi kellu laqgħa mas-Sur ~~Alex Cutajar~~ Matthew Pace sid tal-ħanut Summer nights fejn ser jisponsorja tiġrija ta' 10 kilometri fimkien mall-Malta Amateur Athletic Association għal atleti u tfal fuq żewġ ġranet differenti. Ser jibdew mit-tiġrija tat-tfal fejn it-tiġrija issir fil- parking tat-Triq ix-Xatt, l-MAAA ser tkun qed tieħu ħsieb illi jinfurmaw lill-Pulizija rigward din l-attivita', d-dati għadhom mhux magħrufa u ser niġu nfurmati aktar tard.

8.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun Nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku